**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 14 ta’ Gunju 2001**

**Rikors Nru: 3/01A**

**Pauline Cilia**

**Vs**

**Charles Martin**

Il-Bord,

Ra r-rikors fejn l-esponenti wara li qalet li;

i) hija tikri l-fond Block B, Flat 4, St. Peter's Court, Resort Square, St. Paul's Bay lill-intimat ghall-kera ta' mija erbgha u erbghin lira Maltin (Lm144) fis-sena.

ii) l-post ilu mikri ghand l-intimat ghal dawn l-ahhar 27 sena.

iii) l- kera jisthoqqilha li tkun riveduta u awmentata.

Talbet li

jigi awmentat il-kera tal-fond.

Ra r-risposta ta’ l-intimat li interalia qal;

a. in linea preliminari l-proceduri huma nulli in kwantu illi l-gudizzju mhux integru peress illi martu mhix parti mill-kawza.

b. in linea preliminari ukoll u minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, t-talba tar-rikorrenti hija insostenibbli in kwantu illi l-kera attwali tal-fond de quo hija in eccess ta' erbghin Liri Maltin (Lm40) fis-sena u ghalhekk tmur kontra id-disposizzjonijiet komntemplati fil-ligi a tenur ta' l-Artikolu 14(2) tal-KAP 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ra l-verbal tas-27 ta' Marzu 2001

Ikkunsidra,

1) L-ewwelnett l-intimat ecepixxa n-nullita' tal-proceduri billi martu mhiex parti mill-kawza.  Dak li qed jghid l-intimat ma jgieb ebda nullita'.  Ghalkemm ma ngiebu l-ebda provi fuq dan il-punt il-Bord jifhem li l-intimat u martu joqoghdu fil-fond.  Il-hlas tal-kera ma jistax jitqies bhala kaz ta' amministrazzjoni straordinarja illi ghandha titqies bhala eccezzjoni.

2) ghalhekk il-bord qed jichad l-imsemmija eccezzjoni.

It-tieninett l-intimat isostni li f' dan il-kaz kellha tigi applikata l-procedura msemmija fl-art 14(2) tal-Kap 69.  Il-kera tal-fond illum hu ta' Lm144 fis-sena , ammont li jaqbez l-erbghin lira (Lm40) fis-sena.  Ghalhekk ghandu ragun l-intimat ghaliex ghal kaz hu applikabbli l-art 14(2) u mhux l-art. 14(1).  F' kazi bhala dan ta' llum, huwa s-sid li jrid jaghmel 'ittra ufficjali' kif huwa l-kerrej li jrid jaghmel ir-rikors.  F' dawn il-proceduri s-sid flok baghtet ittra ufficjali ghamlet ir-rikors u qaleb il-procedura msemmija fl-art. 14(2).

Ghalhekk il-Bord jiddikjara li dawn il-proceduri huma irriti u nulli, u qed jilqa' t-tieni eccezzjoni ta' l-intimat.  Billi l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat giet michuda l-ispejjez ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

| | |
|---|---|
| Dep.Reg | Magistrat |